*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,029, 28 ta' Settembru, 1988*
*Taqsima C*

# Nru. 45

28. 9. 88

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli George Bonello Dupuis, M.P., Ministru tal-Finanzi u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-26 ta' Settembru, 1988.

**ATT biex jawtorizza li s-somma ta' erbgħin miljun lira Maltija tinġabar b'self f'Malta sabiex tagħmel tajjeb għad-*deficit* fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1987.**

P. Muscat Terribile
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable George Bonello Dupuis, M.P., Minister of Finance and read the First time at the Sitting of the 26th September, 1988.

**AN ACT to authorise a sum of forty million Maltese liri to be raised in Malta by way of loan for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1987.**

P. Muscat Terribile
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

msejjaħ

*ATT biex jawtorizza li s-somma ta' erbgħin miljun lira Maltija tinġabar b'self f'Malta sabiex tagħmel tajjeb għad-deficit fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1987.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 dwar Self Lokali. Titolu fil-qosor.

**2.** (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista' jiġbor b'self f'Malta s-somma li ma tkunx iżjed minn erbgħin miljun lira Maltija. Setgħa għall-ġbir ta' self.

(2) Sabiex jinġabar is-self kif intqal qabel, il-Ministru responsabbli għall-finanzi huwa b'dan awtorizzat li joħroġ *stock* f'Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) u s-self magħmul skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jsir skond dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-imsemmi Ministru jista' japprova. Ord. Nru. XVIII ta' l-1959.

**3.** Kull somma mislufa taħt l-awtorità ta' dan l-Att għandha tiġi approprjata u użata biex tagħmel tajjeb għad-*deficit* fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1987. Skop tas-self.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz hu biex jawtorizza lill-Gvern biex jissellef somma biex tagħmel tajjeb għad-*deficit* fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1987.

# A BILL
## entitled

*AN ACT to authorise a sum of forty million Maltese liri to be raised in Malta by way of loan for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1987.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Local Loan Act, 1988.

Power to raise loan.

**2.** (1) Subject to the provisions of this Act, the Government of Malta may raise in Malta by way of loan a sum of money not exceeding forty million Maltese liri.

Ord. No. XVIII of 1959.

(2) For the purpose of raising the loan as aforesaid, the Minister responsible for finance is hereby authorised to issue stock in Malta under the provisions of the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, 1959; and the loan made under the provisions of this section shall be made on such terms and conditions as the said Minister may approve.

Purpose of loan.

**3.** Any money borrowed under the authority of this Act shall be appropriated and applied for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1987.

---

## Objects and Reasons

The Object of the Bill is to authorise the Government to raise in Malta a loan for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1987.